10 ta' Ottubru, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D. *President*;
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.
L-Onor. Dr. A.V. Cam lleri, B.Litt., LL.D.

Joseph Fenech et.

*versus*

Rev. Sac. Prof. Serafino Zarb, O.P., ne. et.

**Università Reali ta' Malta — Statut — Kunsill ta' l-Università — Ġurisdizzjoni — Kompetenza — "Students' Representative Council" — Rappreżentanza Ġudizzjarja — Illeġittimità :al-Persuna — Eċċezzjonijiet Dilatorji — Retroattività — "Syllabus" — Kalendarju — Art. 729 (,1), 732, 789 u 180 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Ordinanza XXXII ta' l-1947.**

*Il-ġurisdizzjoni tipproċjeni mill-liġi; imma tista' tingħata anki lil-persuna privata. Barra milli ordinarja, tista' tkun anki straordinarja, billi tiġi konferita b'liġi speċjali. Konsegwentement id-deroga għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati għandha tkun espressa, u magħmula b'lokuzzjoni ċara.*

*Jekk att tal-Poter Eżekutiv jilledi xi dritt ċivili jew patrimonjali, it-tribunali ċivili huma kompetenti biex jieħdu konjizzjoni ta' dak il-fatt, jekk xi liġi speċjali ma tkunx tivvjeta r-rikors għall-awtorità ġudizzjarja. U l-Qrati Tagħna għandhom saħansitra l-poter li jissindakaw il-validità ta' l-atti tal-Poter Leġislativ u dawk tal-*

*Poter Eżekutiv, fis-sens li jaraw jekk dawk l-attijiet jidħlux fl-attribuzzjonijiet ta' l-awtorità li ordnathom, jew ġietx osservata l-forma stabbilita mill-liġi.*

*Fl-aħħarnett, id-derogi għall-ġurisdizzjoni għandhom jiġu nterpretati restrittivament; u f'każ ta' dubju għandhom jiġu esklużi.*

*L-Ordinanza XXXII ta' l-1947, li tikkonferixxi lill-Università Reali ta' Malta ċerta miżura ta' awtonomija, u li ħasbet għat-tmexxija u kontroll ta' l-Università, fl-ebda parti tagħha ma qalet illi d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' l-Università, minnha istitwit bħala l-aqwa setgħa għat-treġija ta' l-Università, huma finali u mhumiex suġġetti għas-sindakat ta' l-Awtorità Ġudizzjarja; u għalhekk dawk id-deċiżjonijiet ma ġewx sottratti mill-ġurisdizzjoni ordinarja tal-Qrati Tagħna.*

*U għalhekk ukoll, il-kwistjoni jekk humiex validi jew le xi emendi li jkunu saru fl-Istatut ta' l-Università, għax ma ġietx osservata xi dispożizzjoni ta' dik l-Ordinanza, tidħol fil-kompetenza tal-Qrati ordinarji.*

*L-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni hija dilatorja, u għalhekk mhix attendibili jekk ma tiġix mogħtija "in limine litis", jekk ir-raġuni li fuqha hija bażata dik l-eċċezzjoni kienet teżisti mill-bidu u ma nqalgħetx waqt il-kawża.*

*Li "Students' Representative Council" huwa korp kostitwit legalment u rikonoxxut mill-liġi, bil-fakoltà li jagħmel regolamenti; u r-rappreżentanza ġudizzjali tispetta lill-persuna desinjata minnu f'dawk ir-regolamenti; u għalhekk il-persuna li tidher f'kawża li tinteressa lil dak il-"Council" bis-saħħa ta' dawk ir-regolamenti, ma hix persuna illeġittima biex tidher fil-kawża għal dak il-"Council".*

*Il-Kunsill ta' l-Università jista' jemenda l-Istatut ta' l-Università jew iħassru, jew joħroġ ieħor f'loku; u għandu s-setgħa li jgħid liema huma s-setgħat u l-ħidmiet ta' kull waħda mill-awtoritajiet ta' l-Università, kif ukoll li jgħid liema studji u eżamijiet għandhom jittieħdu f'kull Fakoltà; u s-"syllabus" ma hux ħaġa oħra ħlief manifestazzjoni aktar dettaljata ta' dak li jkun jiddisponi fuq hekk l-Istatut.*

*Huwa veru li skond l-Istatut ta' l-Università, għandu jiġi publikat kull sena kalendarju mhux aktar tard minn ġimgħa qabel il-bidu tas-sena akkademika; iżda dan ma jfisserx li f'każ ta' kontravvenzjoni għad-dispost li jordna din il-publikazzjoni jkun hemm nullità ta' dak kollu li jsir matul is-sena akkademika wara l-publikaz-*

*zjoni ta' dak il-kalendarju; għax dan ma setax kien il-ħsieb tal-leġislatur.*

*L-emendi li jsiru fl-Istatut ta' l-Università huma applikabili anki għall-istudenti li jkunu bdew il-kors fl-Università qabel ma jkunu saru dawk l-emendi; u l-istudenti ma għandhom l-ebda dritt kweżit li jagħmlu l-eżamijiet skond l-Istatut li kien iseħħ meta huma nskrivew ruħhom bħala studenti. Biex l-emendi ta' l-istatut ma jkunux retroattivi għall-istudenti tal-korsijiet li jkunu ġà bdew, u jkunu applikabili biss għall-korsijiet li jkunu għadhom iridu jibdew, hemm bżonn li jsibu ostakolu fid-dritt kweżit ta' l-istudenti, u li ma jkunx il-każ ta' liġi li tinteressa l-ordni publiku. Imma l-materja ta' l-istruzzjoni hija ta' interess publiku, u hekk ukoll huma l-liġijiet li jikkontrollaw dik il-maetrja; u għalhekk ebda dritt ma jista' jiġi akkampat kontra emendi li jmissu r-regolament tat-tagħlim u l-istruzzjoni.*

*Bil-fatt li student jinskrivi ruħu f'kors universitarju ma jinħoloqx ebda kuntratt bejn l-istudent u l-awtoritajiet universitarji; u għalhekk mhux il-każ li r-retroattività ta' l-emendi fl-Istatut tingħad inapplikabili għalihom minħabba xi vinkolu kontrattwali li jiġi allegat li nħoloq bejn l-istudent u l-Università. Għall-kuntrarju, l-istudent li jinskrivi ruħu f'kors universitarju jassoġġetta ruħu għall-poter konferit mill-Istatut lill-Kunsill ta' l-Università li jemenda f'kull żmien li jkun l-Istatut ta' l-Università; u l-istudenti ma għandhomx dritt jippretendu li matul il-kors kollu li fih huma jkunu nskrivew ruħhom għandhom jibqgħu jagħmlu l-istudji u l-eżamijiet li kienu preskritti mill-Istatut fiż-żmien ta' l-inskrizzjoni tagħhom bħala studenti, u li l-emendi li jsiru f'dak l-Istatut matul dak il-kors ma jkunux applikabili għalihom, imma li huma applikabili biss għall-istudenti li jibdew xi kors wara dawk l-emendi*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-atturi, wara li ppremettew li fit-30 ta' Jannar 1951 ġie emendat l-artikolu 159 ta' l-Istatut ta' l-Università Reali ta' Malta, fis-sens li l-kelma "statute" ġiet sostitwita bil-kelma "syllabus"; u li bħala konsegwenza ta' dina l-emenda, il-korsi tal-Baċċellerat ta' l-Arti, tax-Xjenza u tal-Farmaċija, li fihom l-atturi kienu rispettivament inskritti mill-bidu tas-sena akkademika ta' l-1949, ġew assoġġettati għal eżamijiet supplementari orali u prattiku, oltre dak

skritt li huwa stabbilit mill-Istatut; u li qabel din l-emenda, u preċiżament sas-sena l-oħra, il-konvenuti *nomine* ma ppretendewx, u lanqas setgħu *jagħmluh*, li l-atturi, *oltre* l-iskritt, jagħmlu eżami orali u prattiku, għaliex skond l-interpretazzjoni analoġika ta' l-art. 417 ta' l-Istatut, l-atturi kellhom iddritt kweżit rigward l-eżamijiet stabbiliti mill-Istatut fl-epoka tar-reġistrazzjoni tagħhom bħala *studenti regolari*; li barra minn dana, jidher li *l-Istatut ġie emendat* b'deċiżjoni tas-Senat, liema *deċiżjoni* ma tidherx approvata, u lanqas pubblikata mill-Kunsill, skond kif jirrikjedu l-artikoli 2 (3) u (4) ta' l-Ordinanza XXXII ta' l-1947, u l-art. 2 ta' l-Istatut; u li fit-22 ta' Novembru 1949 u fit-8 *ta'* Awissu 1950 ġie emendat l-art. 162 *ta'* l-*Istatut*, *fis-sens* li l-istudenti tal-kors tal-Baċċellerat ta' l-Arti indistintament (B.A., honours in general) għandhom jiġu kunsidrati bħala ma għaddewx mill-eżami jekk ma jottjenux 50% tal-marki assenjati għal kull karta; u li dina l-emenda saret *meta l-istudenti ta'* l-imsemmi kors kienu ġa regolarment reġistrati, u bħala tali ma jistax ikollha effett *retroattiv* kontra d-dritt kweżit derivanti lilhom mill-istess Statut u mill-prinċipji ġenerali li jiggovernaw dina l-materja; u li l-atturi, in vista ta' *l-imsemmija anomalija fl-interpretazzjoni u applikazzjoni ta'* l-Istatut da parti tal-konvenuti nomine, astenew ruħhom mill-eżamijiet orali u prattiku sakemm jiġu definiti l-kwistjonijiet ta' dritt transitorju fuq allegati; talbu li jiġi dikjarat u deċiż (a) li l-emendi ta' l-art. 159 u 162 ta' l-Istatut *Universitarju mhumiex* applikabili għal dak il-kors li fih ġew inskritti l-atturi fil-bidu tas-sena akkademika 1949, għaliex l-atturi kellhom u għad għandhom dritt kweżit rigward l-eżamijiet determinati mill-Istatut qabel ma saru l-emendi fil-kwistjoni; (*b*) u li l-emenda ta' l-Istatut *rigward* l-*art. 159 u 162 fuq imsemmija ma jistax ikollha* effett *vinkolanti*, u hija nulla u ineffikaċi, għaliex saret mingħajr ma ġew osservati d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 2 (3) (4) ta' l-Ordinanza XXXII ta' l-1947, u ta' l-art. 2 ta' l-Istatut; (*c*) u sakemm jispiċċa *l-kors akkademiku* li l-atturi għandhom anki *għal din is-sena dritt* li *jagħmlu* l-eżamijiet taħt id-dispożizzjonijiet preċedenti ta' l-Istatut, jiġifieri mingħajr ma jkunu assoġġettati għall-eżami orali u prattiku; u (*d*) li, okkorrendo, jiġi ill-konvenuti ordnat li fiż-żmien li

tistabbilixxi l-Qorti jirrivedu r-riżultat ta' l-eżami skritt tal-Baċċillerat ta' l-Arti biex jiġi konstatat jekk l-atturi għaddewx jew inkella le in bażi għall-kriterju tal-50% fuq is-suġġett u mhux fuq kull karta, u li konsegwentement jiġi publikat ir-riżultat relativ. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest ta' l-1 ta' Awissu 1952, kontra l-konvenuti, li għandhom jidhru għas-subizzjoni ;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha ssottomettew illi (1) preliminarment, il-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, peress li skond l-art. 22 (XI) *ta' l-Istatut* ta' l-Università, il-Kunsill ta' l-istess Università huwa l-unika awtorità kompetenti "to adjudicate upon......... and redress any grievances......... of the undergraduates......... who may for any reason feel aggrieved" ; (2) illi Joseph G. Camilleri, li qiegħed jaġixxi bħala President ta' li "Students' Representative Council", in rappreżentanza ta' dan il-Kumitat, mhuwiex persuna leġittima biex jidher f'dina l-kawża, sija għaliex ma jirrappreżentax proċeduralment dak il-korp, u sija għaliex dak il-korp ma jistax jintenta kawżi għall-istudenti, li għandhom jidhru personalment, kif difatti qegħdin jidhru ; u (3) illi, mingħajr preġudizzju, u fil-meritu, id-domandi ta' l-atturi huma infondati, għar-raġunijiet indikati fid-dikjarazzjoni ;

*Omissis ;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-6 ta' Settembru 1952, li biha (1) ġie dikjarat li dik il-Qorti hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, u konsegwentement ġiet respinta l-eċċezzjoni ta' inkompetenza opposta mill-konvenuti ; (2) ġie dikjarat li l-azzjoni eżerċitata mill-atturi mhix intempestiva, u ġiet miċħuda, għalhekk, l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti ; (3) ġie dikjarat li l-attur Joseph G. Camilleri huwa persuna leġittima biex jirrappreżenta f'din il-kawża li "Students' Representative Council", u konsegwentement ġiet respinta l-eċċezzjoni relativa miġjuba mill-konvenuti ; (4) ġiet dikjarata eżawrita l-eċċezzjoni rigwardanti l-pożizzjoni f'dina l-kawża tal-Professur Robert V. Galea, Professur Dr. Victor Caruana, u Professur Dr. Felice Cremona, u *għalhekk ma komplietx tieħu konjizzjoni tagħha* ; (5) ġew respinti d-domandi ta' l-atturi ; (6) u ġie ordnat li l-ispejjeż,

in vista ta' l-ispeċjalità tal-kwistjonijiet involuti, jitħallsu mill-kontendenti bin-nofs; wara li kkunsidrat;

Dwar l-eċċep'ta inkompetenza;

Illi l-motivi addotti mill-konvenuti jistgħu jiġu riassunti fi tnejn: l-awtonomja ta' l-*Università*, u l-poter lilha konferit mill-art. 22 (XI) ta' l-Istatut "to adjudicate upon and, if thought fit, redress any grievances of the officers of the University, the teaching staff, the graduates, the undergraduates, and all University employees, who may for any reason feel aggrieved";

Illi, qabel xejn, hu xieraq li jiġu premessi xi prinċipji stabbiliti fid-dottrina u fil-ġurisprudenza, tant estera kemm tagħna, fuq din il-materja;

1. Huwa paċifiku li l-ġurisdizzjoni tipprovjeni mil-liġi. Igħid Mortara:— "La *giurisdizione* è attribuita dalla legge ad ogni organo (magistrato singolo o collegio) che dall'obbligo di esercitarla trae ragione di esistere e di operare" (Commentario Procedura Civile, Vol. II, para. 259). Ta' l-istess fehma hija l-*gerisprudenza*:— "La giurisdizione non viene che dalla legge" (Fadda, Giurisprudenza Codice Civile Italiano, art. 1mo. disp. *preliminare*, para. 392);

2. Il-ġurisdizzjoni tista' tingħata anki lil persuna privata. "Jurisdictio privato etiam *homini mandari* potest" (Cujaccio, opera, Vol. VII, pag. 126);

3. Il-ġurisdizzjoni, barra milli *ordinarja*, tista' tkun anki straordinarja, u trid tiġi konferita b'liġi speċjali — "Extraordinaria (jurisdictio) sive *legitima*", igħid il-Voet, hija dik "quae non jure magistratus, sed speciali lege senatus consulto vel principis constitutione *concessa est*" (Ad Pandectas, Lib. II, Tit. I, para. 6). Ta' l-istess fehma hu Richeri (Jurisprudentia Universalis, Lib. IV, *para*. 1791);

4. Id-deroga għall-ġurisdizzjoni għandha, konsegwentement, tkun espressa u magħmula b'*lokuzzjoni ċara*. "Le deroghe alla competenza", marret tafferma l-Qorti ta' l-Appell ta' Napoli fil-kawża "Magnani versus Russo", *deċiża* fit-12 ta' Lulju 1908 (v. Prima Raccolta Completa della Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile, a cura dell'Avvocato P.

Barcellona ed altri, art. 69, no. 9), "debbono essere espressamente sanzionate dalla legge; non si possono desumere per induzione od interpretazione". L-istess insenjament insibu fil-ġurisprudenza Ingliża. Igħid Halsbury :— "The right of the subject to have access to the Courts may be taken away or restricted by statute; but the language of any such statute will be jealously watched by the Courts, and will not be extended beyond its least onerous meaning, unless clear words are used to justify such extension" (Laws of England, Vol. VIII, no. 1177, Hailsham Edition). U l-istess awtur ikompli jirribadixxi dana l-konċett :— "Where a tribunal with exclusive jurisdiction has been specified by a statute to deal with claims under that statute, the jurisdiction of the County Courts to deal with such claims is ousted........... This rule does not, of course, apply where no tribunal is specified, or where the statute does not give the tribunal indicated exclusive jurisdiction. Neither it is operative where additional jurisdiction is conferred on certain County Courts without excluding claims relative thereto from the jurisdiction of the ordinary Courts" (Op. ċit., no. 248). L-istess awtur, imbagħad, jagħmel xi applikazzjoni :— "When an issue arises upon proceedings before the Court, the jurisdiction of the Court to dispose of that issue can only be ousted by the plain words of the statute" (Op. ċit., no. 1177);

5. F'dina l-materja l-Qrati Tagħna kellhom molteplići okkażjonijiet biex jaffermaw il-prinċipju li "se l'atto del potere esecutivo lede un diritto civile o patrimoniale, i tribunali civili sono competenti a prendere cognizione di quel fatto, salvo che una legge speciale non vieti il ricorso all'autorità giudiziaria" (Kollez. XX—I—147). Il-Qrati Tagħna għandhom saħansitra l-poter li jissindakaw il-validità ta' l-atti tal-poter eżekutiv u leġislativ, fis-sens li jaraw jekk dawk l-attijiet jidħlux fl-attribuzzjonijiet ta' l-awtorità li ordnathom, jew ġietx osservata l-forma stabbilita mil-liġi (Kollez. XXXIII—I—65, u XXVII—I—553); u għalkemm dana s-sindakat ma jistax jolqot l-opportunità jew il-ġustizzja ta' dawk l-atti, l-insindakabilità ta' dawk l-atti għandha tittieħed "in the most restrictive sense and meaning of acts which cannot be performed but by the Supreme Government, on matters and

questions the determination of which is solely in the hands of the Crown or the Government'' (Kollez. Vol. XXIX—I —216);

6. *Minn dan jitnissel* il-korollarju li d-derogi għall-ġurisdizzjoni għandhom jiġu interpretati restrittivament, u f'każ ta' dubju għandhom jiġu eskiużi (Kollez. Vol. XXVIII—III—1055);

*Illi, premessi* dawna l-konsiderazzjonijiet, huwa xieraq li jiġu eżaminati l-fattezzi tal-każ tagħna;

L-Ordinanza XXXII ta' l-1947 saret *biex* ''taħseb għat-tmexxija u *kontroll ta'* l-*Università* Reali *ta'* Malta''; u skond ma jingħad fl-''Objects and Reasons'' li ħarġu ma' l-abbozz tal-liġi, ''the main purpose of this bill is to confer a measure of autonomy in the sense recommended by the Inter-University *Council for* Higher Education in the Colonies on the Royal University of Malta''. Dik l-Ordinanza iddisponiet li l-Università tkun imreġġija bi Statut u b'Regolamenti li minn żmien għall-ieħor jistgħu *jsiru bis-saħħa* ta' dak l-Istatut — art. 2 (1); li waħda mill-awtoritajiet ta' l-Università jkun il-Kunsill — art. 3 (ii); u li dana l-Kunsill ikun l-aqwa setgħa (the supreme organ) fit-treġġija ta' l-Università — art. 6 (1); u *jkollu s-setgħa li jħassar* l-Istatut *vigenti* u joħroġ ieħor minfloku — art. 2 (4). Fit-18 ta' Settembru 1948, ġie approvat l-Istatut ta' l-Università, u bl-art. 22 il-Kunsill ġie proklamat ''the highest authority *in the* government of the *University''; u ġew* lilu *mogħtija diversi poteri, fosthom* dak ''to enact statutes and to make regulations as may be deemed necessary from time to time'' (i), u ''to receive, adjudicate upon, and, *if thought fit, to redress*, any grievances.......... *of the* undergraduates.......... who may for any reason feel aggrieved (xi). Iżda fl-ebda parti ta' l-Istatut ma jingħad li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ikunu finali u mhux suġġetti għas-sindakat *tal-Poter Ġudizzjarju*. Kieku l-leġislatur bl-imsemmija Ordinanza ried jissottraji t-treġija ta' l-Università mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati, kien imissu qalu espressament; u *la dana* ma sarx, għandu jiftiehem *li ebda derogazzjoni* ma saret fil-*ġurisdizzjoni ordinarja* tal-Qrati Tagħna, li għalhekk baqgħu kompetenti kif kienu qabel il-promulgazzjoni ta' dik l-Ordinanza;

Ill jimbagħad l-atturi qegħdin, fost ħwejjeġ oħra, jimpunjaw il-validità ta' l-emendi li saru fl-art. 159 u 162 ta' l-Istatut, għaliex saru mingħajr ma ġew osservati l-artikoli 2 (3) u (4) ta' l-Ordinanza fuq imsemmija, u l-art. 11 ta' l-Istatut Universitarju — kwistjoni din li, fl-assenza ta' divjet leġislativ kuntrarju, tidħol fil-kompetenza tal-Qrati ordinarji;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi d-difett ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, eċċepit mill konvenuti, mhux sostenibili;

Ill l-istess konvenuti, fil-kors tat-trattazzjoni orali li saret mid-difensur tagħhom Professur Dr. J.H. Xuereb, fit-tieni seduta ssollevaw l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni, għaliex, se mai, l-atturi kien imisshom jiġu 'l quddiem wara li l-Kunsill ta' l-Università jagħti d-deċiżjoni tiegħu; mentri sal-lum ebda deċiżjoni ma ttieħdet mill-Kunsill;

Illi anki din l-eċċezzjoni hija insostenibili, għal diversi raġunijiet :—

1. Għaliex hija tikkostitwixxi eċċezzjoni dilatorja u ma ġietx mogħtija "in limine litis" (art. 729 (1) Proċedura Ċivili, kif interpretat mill-Qorti ta' l-Appell tar-Re fil-kawża "Borg vs. Grixti", deċiża fil-15 ta' Marzu 1948), għad li r-raġuni għal din l-eċċezzjoni kienet teżisti mill-bidu, u ma nqalgħetx waqt il-kawża (arg. art. 732 Proċedura Ċivili);

2. Għaliex il-protesta mill-istudenti saret lill-*organu kompetenti*, jiġifieri s-Senat ta' l-Università, li in *forza* ta' l-art. 29 (1) ta' l-Istatut għandu s-setgħa "to direct and regulate instruction and education in the University and examinations held by the University"; liema *interpretazzjoni* ssib l-isbaħ *konferma* mhux biss fl-*esperjenza* ta' l-*imgħoddi*, *meta*, skond l-*attur Joseph G. Camilleri*, l-istudenti f'*materja* ta' *eżamijiet* dejjem ittrattaw mas-Senat, iżda anki *fil-fatt li ebda waħda miż-żewġ protesti* li saru ma ġiet mibgħuta *lill-Kunsill*; għaliex, *kif esprima* ruħu l-istess Segretarju ta' *l-Università*, *si trattava ta' ħaġa* akkademika, jiġifieri *li* ma *tirrigwardax il-finanzi*, u għalhekk ġiet deċiża mis-Senat stess;

3. *Għaliex anki* kieku, "ex hypothesi", *il-kwistjoni* kellha tiġi deċiża *mill-Kunsill*, la darba d-deċiżjoni ma ttieħdetx, l-atturi ma *kellhom ebda ħtija f'dan* in-nuqqas, u ma *kellhomx* *triq oħra ħlief li jirrikorru* quddiem il-Qrati;

4. Għaliex, *fuq kollox*, l-atteġġjament tal-Kunsill f'din

il-kawża huwa f'sens ta' approvazzjoni totali tad-deċiżjoni meħuda mis-Senat, u għalhekk kien inutili l-preventiv pronunċjament tal-Kunsill;

Dwar l-eċċepita illeġittimità tal-persuna ta' l-attur Joseph G. Camilleri;

Illi skond l-art. 89, "it shall be lawful for the Guild of the Undergraduates to elect annually a Representative Council, which shall act as a channel of communication between the undergraduates and the authorities of the University, and, in general, represent the undergraduates in all matters affecting their interests", u dana ġie fl-art. 90 deżinjat bħala "The Students' Representative Council", u ġie lilu mogħti d-dritt li jagħmel regolamenti, basta bl-approvazzjoni tas-Senat. Issa, li "Students' Representative Council" ġie effettivament kostitwit, u r-regolamenti saru regolarment (*fol.* 27 et seq.), u ġew approvati mis-Senat fis-seduta tat-18 ta' Jannar 1951, (fol. 41). Minn dana jidher li li "Students Representative Council" hu, skond il-liġi, korp kostitwit, debitament rikonoxxut mill-awtorità kompetenti, u għalhekk, skond il-ġurisprudenza, ir-rappreżentanza ġudizzjali tispetta lill-persuna desinjata fir-regolamenti, u fin-nuqqas lill-persuna li tkun ġiet espressament delegata għal dan l-iskop (Kollez. Vol. XXVI —I—172). Issa rriżulta li b'deliberazzjoni tas-26 ta' Awissu 1952 (fol. 40 tergo u 41) l-attur Camilleri ġie awtorizzat jidher għal li "Students' Representative Council", li jiegħu hu l-President, quddiem il-Qrati; u għalhekk, minħabba din ir-rappreżentanza hekk lilu deferita, l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna lanqas hija ammissibili skond l-art. 789 kombinat ma' l-art. 180 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Kwantu mbagħad għall-eċċezzjoni li (a) il-Professur Robert Galea, A.I.C., O.B.E., mhux membru tal-Kunsill, (b li l-Professur Dr. Victor Caruana, LL.D., O.B.E., huwa membru tal Kunsill u ma ġiex imħarrek, u (c) li l-istess Professur Caruana u Professur Felice Cremona, LL.D., huma msiefrin, dina l-eċċezzjoni tinsab eżawrita bil-fatt li l-Kunsill kollu, kif attwalment kostitwit, hu rappreżentat f'dina l-kawża per mezz tad-delega li saret fil-persuna tal-Professur Patri Serafino Zarb; u konsegwentement il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni tagħha;

Fil-meritu ;

Illi loġikament, u għall-aħjar trattazzjoni tal-kwistjoni, hu xieraq li tiġi *investita*, qabel xejn, it-tieni domanda ta' l-atturi, li biha talbu li l-emenda ta' l-Istatut rigward l-art. 159 u 162 ma jistax ikollha effett vinkolanti, u bija nulla u ineffikaċi għaliex saret mingħajr ma ġew osservati d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 2 (3) u (4) ta' l-Ordinanza XXXII ta' l-1947 u *ta' l-art. 11 ta'* l-Istatut ;

Illi skond l-art. 2 (3) ta' l-imsemmija Ordinanza, l-Istatut għandu jgħid liema huma s-setgħat u l-ħidmiet ta' kull waħda mill-awtoritajiet ta' l-Università u l-istudju u l-eżamijiet *li għandhom jittieħdu* f'kull Fakoltà, u fil-paragrafu (4) l-istess artikolu jiddisponi :— "Hlief f'kemm id-dispożizzjonijiet ta' dina l-Ordinanza jrażżnu xi dispożizzjonijiet ta' l-Istatut ta' l-Università li jkunu fis-seħħ meta dina l-Ordinanza toħroġ, dan l-Istatut għandu, għaż-żmien li jkun, ikun l-Istatut *li jreġġiha* ; *imma* l-Kunsill ta' l-Università, hawnhekk *iżjed* 'il quddiem imsejjaħ il-Kunsill, jista' jbiddel kull statut li, fiż-żmien li jkun, ikun iseħħ fis-seħħ, jew iħassru, jew joħroġ ieħor minfloku" ;

Illi fit-trattazzjoni orali l-atturi, per mezz tad-difensur tagħhom, speċifikaw il-motivi tan-nullità ta' l-emendi impunjati, u spjegaw li dawn jikkonsistu filli l-emendi saru mis-Senat, u mhux mill-Kunsill ta' l-Università, u li l-Istatut, mhux is-"syllabus", għandu jistabbilixxi liema huma l-eżamijiet li għandhom *jittieħdu f'kull Fakoltà*, u *għalhekk* ma setgħetx issir l-emenda fl-artikolu 159 kif saret, ċjoè li għall-kelma "statute" tkun sostitwita l-kelma "syllabus" ;

Illi, kwantu għall-ewwel motiv, irriżulta li l-emendi ġew rakkomandati mis-Senat lill-Kunsill ta' l-Università, u li ġew approvati mill-istess Kunsill fis-seduta tat-28 ta' Lulju u 29 ta' Novembru 1950 (ara xhieda ta' Erin Serracino Inglott) ;

Illi, kwantu għat-tieni motiv, l-emenda ta' l-art. 159 hija sempliċi emenda verbali bis-sostituzzjoni ta' kelma li ġà tinsab fl-Istatut. Difatti "syllabus" huwa ħaġa ġà rikonoxxuta fl-artikoli 416 u 224 ta' l-Istatut, u dina l-aħħar dispożizzjoni, għalkemm emendata flimkien ma' l-artikolu 159, ma ġietx impunjata mill-attur, għaliex minnha, mid-dehra, huma rċevew benefiċċju. Konsegwentement, anki wara d-deprekata emenda

verbali, l-eżamijiet bagħhu dejjem regolati mill-Istatut, li tiegħu s-"syllabus" m'huwiex ħlief manifestazzjoni aktar dettaljata;

Illi rigward in-nullità ta' l-emendi minħabba l-inosservanza ta' l-art. 11 ta' l-Istatut, f'dana l-artikolu jingħad hekk:— "A *University Calendar shall be published yearly, not later* than a week before the commencement of the academic year. All announcements therein contained shall be deemed to be sufficient notice for all legal purposes". Apparti x'għandhom jikkomprendu dawn l-"announcements", huwa fatt li ebda nullità ma tinsab komminata fil-każ ta' kontravvenzjoni għal dan l-*artikolu*; u *ma* setax kien *diversament*, għaliex dak kollu li jsir wara li jkun ġie publikat il-Kalendarju (u dana għas-sena kollha akkademika, peress li l-publikazzjoni tiegħu ssir qabel) ikun legalment ineffikaċi; u dana bla dubju ma setax ikun il-ħsieb ta' min għamel dak ir-regolament. Del resto, il-*publikazzjoni ta'* l-operat universitarju ssir fin-*Notice Board* ta' l-Università, u l-*emendi in* kwistjoni *ġew publikati* bħal kwalunkwe liġi oħra ta' l-akbar importanza fil-Gazzetta tal-Gvern, li huwa l-aqwa organu ta' publiċità skond il-liġi;

Għalhekk it-tieni domanda mhix sostenibili;

Fuq l-ewwel domanda, illi biha l-atturi qegħdin jitolbu li jiġi dikjarat *u deċiż li l-emendi fuq riferiti mhumiex* applikabili għall-kors li fih huma ġew *inskritti*, għaliex huma kellhom u għad għandhom dritt kweżit rigward l-eżamijiet determinati mill-Istatut qabel ma saru l-emendi in kwistjoni;

Illi ladarba mill-emendi stess ma jidherx jekk humiex retroattivi jew le, hemm bżonn li jiġi eżaminat il-punt jekk saru applikabili *immedjatament anki għall-korsijiet* ġà mibdija, jew kellhomx jiġu *applikati biss għal dawk il-korsijiet* kienu għadhom iridu jibdew. Biex dawn l-emendi ma jkunu retroattivi kien hemm bżonn li jsibu ostakolu fid-dritt kwe[...] ta' l-atturi, u li ma jkunx il-każ ta' liġi li tinteressa l-ord[...] publiku. Jgħid Pacifici Mazzoni:— "Fra i vari criteri sug[...] riti e seguiti per riconoscere quando la *legge* nuova possa o[...] aver effetto retroattivo, deve essere *preferito* quello del diri[...] quesito............ questo criterio raccoglie il voto della magg[...] ranza dei *giuristi*" (Istituzioni, Vol. 1, par. 28, pag. 70). L-istess awtur jikklassifika fost dawk li għandhom effett ret[...]

attiv "le leggi che riguardano l'ordine, la salute e la sicurezza pubblica; giacchè riguardo alla materia regolata da esse niuno può avere diritti quesiti, il cui rispetto importa lesione di tali interessi sociali" (op. citata, par. 29, pağ. 79);

*Illi l-atturi, fil-waqt li jirrikonoxxu l-forza ta' dawna l-prinċipji* (ara dikjarazzjoni tagħhom annessa maċ-ċitazzjoni), jippretendu li l-materja ta' l-istruzzjoni publika, u speċjalment l-eżamijiet, jinteressaw prinċipalment l-istudenti, u fihom l-interess ġenerali huwa *biss sekondarja*. Mill-banda l-oħra il-konvenuti jinsistu li dina l-materja tinteressa l-kollettività; għaliex it-tagħlim, speċjalment fl-Università, isir fl-interess ġenerali, u għandu bħala skop uniku l-progress u l-effiċjenza fl-istudju u l-idoneità tal-professjonisti li minn dik l-Università joħorġu;

Illi f'dan il-konflitt il-Qorti tippropendi favur it-teżi tal-konvenuti. Difatti l-Istat, in vista ta' l-importanza tal-problema, mhux biss għandu d-dritt, iżda għandu d-dover preċiż li *jindaħal u jikkontrolla*, kif fil-fatt jagħmel, din il-materja ta' l-edukazzjoni. Hawn ta' min jirrikjama l-insenjament maġistrali ta' Palma: "Se è vero", hu jgħid, "che la coscienza, il sentimento e la ragione dei popoli, si manifesta nelle loro leggi e nella loro vita pratica, bisogna concludere che uno Stato *che si astenga dall'ingerirsi nella pubblica istruzione può essere una astrazione filosofica*, ma non è una realtà. Nulla infatti si discosta più da questo così detto ideale, della coscienza attuale e vivente dei popoli. Non ve n'è alcuno, invece, che non *se ne sia occupato, anzi che non* allarghi in questo campo la sua azione. Sia che volgiamo gli sguardi alla vecchia razza latina, sia alla teutonica e alla anglo-sassone, noi vediamo sempre le sue aggregazioni civili, i suoi vari organismi centrali e locali occuparsi sempre più d'istruzione. I gradi ed i modi di questa *azione variano, ma il concetto del diritto e del dovere che le* dà movimento è sempre lo stesso" (Digesto Italiano, voce Istruzione Pubblica, no. 12). L-edukazzjoni tal-ġuvintur hija waħda mill-akbar doveri ta' kull Stat, u hija ripunjanti dik it-*teorija li tavoka* l-libertà assoluta f'dina l-materja. Jgħid f'dan ir-rigward Thiers: — "Tutti i cittadini hanno in uno Stato il diritto di applicarsi a tutte le industrie, ma non tutti possono venire a chieder allo stesso titolo la libertà di educare la gio-

ventù e di ammaestrarla. La gioventù non è un oggetto di commercio abbandonato alla *speculazione* degli insegnanti: essa è un oggetto sacro affidato solo agli uomini, dei quali la previdenza del *legislatore* ha fissato anticipatamente la qualità o i titoli. Bisogna distinguere *quello che* è *industria* da quello che è *funzione* pubblica, e tale è ogni professione liberale, ma più *d'ogni* altra la professione di educare i giovani" (Digesto Italiano, voce citata, no. 13). Preċiżament għalhekk dina l-materja ta' l-edukazzjoni, in kwantu tolqot il-progress u diffużjoni tax-xjenza, saret vera u proprja funzjoni ta' l-Istat modern. Difatti Garelli della Morea, fil-preġevoli *monografija* tiegħu fuq l-Istat, jikkomprendi fost "le funzioni dello Stato nelle condizioni odierne della *civiltà*" anki "la suprema cura dei progressi e della *diffusione* della scienza, che come è obbietto dell'intelligenza umana, così è l'essenziale requisito della formazione di quell'intelligenza sovrana che deve costituire la personalità dello Stato .......... E il progresso civile, come non può consistere nell'assorbimento dell'individuo per parte dello Stato, così non tenderà mai all'anarchia, cioè alla soppressione dello Stato; perchè il progresso è *infinito*, e l'unione sociale, col perfezionarsi, non cessa di essere e di costituire il mezzo naturale e necessario dell'incremento dell'intelligenza umana Lo Stato, sorgendo alla maggior civiltà, a più alta sfera d'azione, sarà sempre la grande personalità voluta da tutti, ed in cui trova ciascuno il fondamento ed il sussidio della sua propria" (Digesto Italiano, Stato);

Illi minn dak li ntqal jidher li l-materja ta' l-edukazzjoni tinteressa l-ordni publiku, u hekk ukoll il-liġijiet li jikkontrollawha. Nejn ma jiswa li lill-Università tagħna ġiet mogħtija kif fuq intqal, ċerta miżura ta' awtonomija; għaliex l-iskop ta' l-istruzzjoni *baqa'* *dejjem* l-istess; tant li l-Gvern mhux biss talab dak l-aspett speċjali per mezz ta' Ordinanza solenni, in għoddija mill-Kunsill tal-Gvern, iżda żamm il-poter li jikkontrolla l-andament tagħha per mezz ta' sitt membri nominati mill-Leġislatura ta' Malta minn fost il-membri tal-Leġislatura, bħala parti mid-diriġenti tal-Kunsill ta' l-Università; liema poter ġie nkorporat anki fl-Istatut Universitarju;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi ta' min jadotta l-insenjament awtorevoli ta' Gabba, fl-opra maġistrali tiegħu "La Teo

della Retroattività delle Leggi". "Nella *sfera pubblica*", jgħid il-Gabba, "nei diretti rapporti in cui il cittadino si trova con lo Stato, in ordine a scopi o funzioni di pubblico interesse, che la *dignità personale non riguardano*, e a cui non si frammischia affatto l'interesse privato, il cittadino è sempre e unicamente soggetto alle pubbliche *esigenze*, e diritti individuali non ha, se non quali e quanti le leggi di gius pubblico glieli attribuiscono e consentono". U jikkonkjudi :— "Tutte quante le leggi concernenti interessi pubblici o politici di qualunque genere si applicano immediatamente, ed i corrispondenti diritti e doveri degli individui *si mutano o si* modificano immediatamente in virtù di quelle leggi " (Vol. I, pag. 211 u 212);

Illi l-atturi, fit-trattazzjoni orali, ippretendew li l-emendi impunjati mhumiex retroattivi, għaliex huma jinkorporaw biss interpretazzjoni ta' l-istess dispożizzjonijiet emendati. Dana l-*argument*, inveċi, iwassal għal konklużjoni opposta. Difatti, *kif jgħid Pacifici Mazzoni*, "*sono estranee a questa teoria (jiġifieri tar-retroattività)* le leggi interpretative, imperocchè, avendo per obbietto di determinare il senso delle leggi esistenti, fanno parte di esse, e non costituiscono disposizioni nuove e distinte dalle medesime" (Istituzioni, Vol. I, par. 26);

Illi anki l-argument dedott mill-art. 417 *ta'* l-*Istatut* huwa kontra l-atturi. Difatti, apparti li dik hija dispożizzjoni ta' natura eċċezzjonali, *il-leġislatur* "ubi voluit dixit", u ladarba hu għamel eċċezzjoni biss għall-istudenti tal-kors akkademiku 1947-1948, wera li ma riedx jestendi dik l-eċċezzjoni għal dawk l-istudenti li rreġistraw wara, fosthom l-atturi, li daħlu u ġew inskritti fl-Università fis-sena akkademika 1948-1949;

*Illi l-atturi* iċċitaw ġurisprudenza rigwardanti r-retroattività *tal-liġi* l-ġdida f'materja kontrattwali, u jippretendu li bl-iskrizzjoni tagħhom fil-kors inħoloq kuntratt veru u proprju bejniethom u l-Awtoritajiet Universitarji, *b'mod li dawn ma* jistgħux jimmodifikaw li "status quo" eżistenti fil-mument ta' dik l-iskrizzjoni. Dina l-pretensjoni, fil-fehma tal-Qorti, hija inammissibili. Biżżejjed wieħed *jirriferixxi ruħu* għad-definizzjoni mogħtija mill-art. 1001 (Kod. Ċiv.) għall-konċett ta' kuntratt, biex jittendi bl-*insostenibilità tat-teżi* ta' l-attur. Difatti l-fondament ta' kull kuntratt huwa l-akkordju li l-partijiet jaslu fih bil-kunsens tagħhom reċiproku, mogħti libera-

ment ("in idem placitum consensus"). Issa, f'dina l-materja ma hemmx lok għal din il-libera volizzjoni, għaliex l-istudent ikollu dritt għall-iskrizzjoni fil-kors fil-każ biss li jirrivesti l-kwalifiki rikjesti mill-Istatut; u jekk ikollu dawn il-kwalifiki, ikollu d-dritt jidħol fil-kors anki jekk l-Awtoritajiet Universitarji ma jkollhomx pjaċir bih—sitwazzjoni din li teskludi kwalunkwe konċett ta' kuntratt;

Illi fi kwalunkwe każ, l-istudenti, fosthom l-atturi, jinskrivu ruħhom fil-korsi rispettivi, u jassoġġettaw ruħhom għall-poter konferit mill-liġi u mill-Istatut, art. 22 (1), lill-Kunsill ta' l-Università, u ċjoè "to *enact statutes and to make regulations as may be deemed necessary from time to time*"—poter dana ta' l-akbar importanza u neċessità, meta wieħed jirrifletti għad-disgwid li jista' jiġi minn nuqass ta' retroattività fl-emendi ta' l-Istatut, u għall-preġudizzju li jista' jidderiva lill-progress ta' l-istudji f'korsijiet ta' ċertu tul ta' żmien;

Illi l-ewwel domanda mhix fondata, u għall-istess raġunijiet mhix sostenibili lanqas it-tielet domanda li mhix ħaġa oħra ħlief korollarju u konsegwenza ta' l-ewwel talba;

*Rigward ir-raba' domanda, dina lanqas ma tista' treġġi*, ladarba ġew dikjarati inammissibili l-ewwel żewġ domandi. Di più, ta' min josserva li skond l-art. 246 ta' l-Istatut, kif emendat fit-30 ta' Jannar 1951, "the results of the final examinations shall be published in the form of Class Lists........ The *marks obtained by the candidates shall not be made public*"; u dina d-dispożizzjoni, kif emendata, ma tidherx impunjata mill-atturi għad li l-emenda saret kontestwalment ma' l-emendi l-oħra impunjati. Del resto, f'dina d-domanda l-atturi qegħdin juru nteress relativ ħafna, peress li pproponewha bil-kliem "okkorrendo";

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u rat il-petizzjoni tagħhom, fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi konfermata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' dawn il-Qrati, *dik ta' l-intempestività ta' l-azzjoni ta' l-atturi, u dik ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur Joseph G. Camilleri nomine*, u tiġi revokata fejn ċaħdet l-ewwel, it-tielet u r-raba' talba ta' l-atturi u akkollat lilhom nofs l-ispejjeż tal-kawża, u għal-hekk jiġu milqugħin it-talbiet ta' l-atturi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

Rat ir-risposta tal-konvenut Professur Patri Serafino Zarb nomine, li talab il-konferma ta' dik is-sentenza, bl-ispejjeż, billi l-appell minnha interpost jiġi miċħud;

Rat in-nota ta' l-attur Joseph G. Camilleri, nomine, li biha rrinunzja għall-appell għal dak li jirrigwarda lilu fil-kwalità ndikata fiċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi dana l-appell jinsab limitat għal dik il-parti tas-sentenza appellata li biha ġew respinti l-ewwel, it-tielet, u r-raba' domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni, u għall-kap ta l-ispejjeż. B'dawn id-domandi l-appellanti qegħdin jitolbu li jiġi dikjarat u deċiż (1) li minħabba d-dritt kwezit lilhom kompetenti, l-emendi li saru lill-artikoli 159 u 162 ta' l-Istatut Universitarju mhumiex applikabili għalihom, billi huma nskrivew ruħhom għall-kors fil-bidu tas-sena akkademika 1949 u dawk l-emendi saru wara; (2) li konsegwentement, sakemm jispiċċa dak il-kors li huma nskrivew ruħhom fih, huma għandhom jagħmlu l-eżamijiet skond id-dispożizzjonijiet preċedenti ta' l-Istatut, inattiżi l-innovazzjonijiet apportati b'dawk l-emendi; u (3) li, anki konsegwentement, jiġu riveduti r-riżultati ta' l-eżami skritt tal-Baċċellerat ta' l-Arti fuq il-kriterju preċedenti, u mhux dak apportat bl-imsemmijin emendi;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti akkwetaw ruħhom għal dik il-parti tad-deċiżjoni li biha ġiet respinta t-tieni talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, jiġifieri t-talba biex tiġi dikjarata nulla u ineffikaċi l-emenda li saret għall-imsemmijin artkolu 159 u 162 ta' l-Istatut Universitarju, u għalhekk il-lum għandna, b'dik il-parti tas-sentenza li għaddiet f'ġudikat, li dawk l-emendi saru validament u għandhom ikollhom l-effikaċja tagħhom. L-unika kawża li għad fadal għad-domandi li jifformaw meritu ta' dan l-appell hija, għalhekk, dik ta' l-inapplikabilità, fir-rigward ta' l-appellanti, ta' l-emendi fuq imsemmijin minħabba d-dritt kwezit tagħhom, billi ġew magħmulin wara li huma kienu nskrivew ruħhom u kienu bdew il-kors tas-sena akkademika 1949, u għalhekk jippretendu li, deijem fir-rigward tagħhom, l-eżamijiet għandhom jibqgħu regolati mid-dispożizzjonijiet ta'

l-Istatut kif kienu meta uskrivew *mhhom* u inattiżi l-emendi *in kwistjoni*;

Ikkunsidrat;

Illi hija massima universalment rikonoxxuta mill-ġurisprudenza li, meta mill-istess liġi ma jirriżultax il-kuntrarju, il-liġi ma għandhiex ikollha effett retroattiv, billi, kif igħid il-Mattirolo (Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, Vol. I, paġ. 104, par. 119), "la legge è una norma obbligatoria, la quale comanda o proibisce; ora, per la natura stessa delle cose, essa non può estendere il suo effetto al passato, non può, cioè, per il passato proibire ciò che già venne compiuto, nè comandare per l'addietro quel che in realtà non fu eseguito. Ma dovendo le leggi di un popolo succedersi e avvicendarsi in conformità dei differenti bisogni del popolo stesso, sorgono ben spesso da questi cambiamenti gravi difficoltà; imperrocchè in quell'istante in cui entra in osservanza la nuova legge, esistono necessariamente molti atti e rapporti giuridici che ebbero origine sotto la legge precedente e che non ricevettero ancora il loro naturale compimento; così che occorre determinare il punto preciso di separazione fra l'impero di una prima legge e quello di una seconda che viene a modificare la prima". Il-massima li l-liġi l-ġdida ma għandhiex ikollha effett retroattiv ġiet dettata mir-rispett dovut għad-drittijiet kweżiti, għal dawk id-drittijiet, jiġifieri, li ġew akkwistati taħt l-imperu tal-liġi preċedenti; u biex f'kull każ partikulari jiġi determinat u stabbilit l-effett ta' liġi ġdida li tkun ħassret jew emendat oħra preċedenti, hemm bżonn, f'tema ġenerali, li jiġu mħarsin u protetti dawk id-drittijiet li jkunu ġew akkwistati taħt il-liġi ta' qabel. L-ewwel indaġini, għalhekk, fil-każ in eżami hija dik jekk lill-appellanti jikkompetix id-dritt kweżit minnhom akkampat u pretiż, u mqiegħed bħala bażi unika ta' dan l-appell tagħhom;

Ikkunsidrat;

Illi d-dritt kweżit, protett u rispettat kif imfisser fil-paragrafu preċedenti, huwa dak kunsidrat "in un rapporto essenzialmente personale e individualizzato, e non in quel rapporto generale che, competendo a tutti i cittadini dello stato, non compete ad alcuno di essi in particolare ed esclusivamente................. Invero ogni diritto si forma col placito della

legge, come si diceva superiormente; ma i diritti generali e comuni che essa concede non possono concretarsi in un individuo per restare in lui in perpetuo, ossia non entrano nella sua proprietà personale, e non si hanno che per l'uso. Sono riservati quanto alla loro durata al potere legislativo che li ha conceduti, e nella pienezza della sua potestà può ritirare la sua concessione" (Borsari, Commentario del Codice Civile Italiano, Vol. I, pag. 41, par. 19);

U r-Ricci, meta ġie biex jiddefinixxi x'inhuwa d-dritt kweżit, igħid li dan huwa "il punto culminante e il più scabroso in materia di non-retroattività delle leggi; è d'uopo quindi procedere con precisione e chiarezza". U wara d'na l-premessa, huwa jkompli jgħid li hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn dritt u fakoltà, u li "caratteristica sostanziale che distingue il diritto dalla facoltà è questa, che il primo deriva da un titolo proprio di colui che lo invoca, laddove l'altra deriva da un titolo comune a tutti, vale a dire, dalla sola legge". U f'dan l-aħħar każ l-awtur fuq imsemmi jsostni li ma hemmx dritt kweżit li jista' jiġi vjolat, u għalhekk ma jistax jiġi invokat il-prinċipju tan-"non-retroattività" biex tiġi negata l-applikazzjoni tal-liġi l-ġdida. Iżjed 'il quddiem ikompli jgħid: "La legge parimenti vi attribuisce la capacità ad alcun atti della vita civile e politica; orbene, una legge posteriore può togliere o limitare alcune di queste capacità; potete voi invocare la legge precedente per compiere, sotto l'impero della nuova legge, un atto per il quale quella vi riconosceva la capacità negatavi da questa? No, perchè anche qui siamo in tema non di diritti, ma di semplici facoltà, di fronte alle quali non è invocabile il principio della non-retroattività delle leggi" (Ricci, Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. I, parte I, pag. 40, par. 23);

Il-Mattirolo (op. ċit., Vol. I, paġ. 106, par. 122) f'din il-materja jagħmel distinzjoni bejn "atti compiuti" u "atti pendenti", bejn "diritti acquisiti" u "diritti eventuali"; u jgħid li "l'atto è compiuto allorchè consta di tutte le condizioni richeste dalla sua giuridica costituzione; è pendente quando è solo in corso di formazione". Fuq dawn l-aħħar atti ("pendenti") l-għaref awtur isostni li huma soġġetti "all'impero della legge nuova, salvo quelle modificazioni e quei tem-

peramenti che 'l legislatore stimasse opportuno di introdurre con apposite disposizioni";

Ikkunsidrat;

Illi, in bażi għad-dottrina fuq riportata, il-pretensjoni tad-dritt kweżit, akkampata mill-appellanti u mqiegħda bħala fondament ta' l-appell tagħhom, ma tistax tiġi milqugħa, billi ebda dritt kweżit ma jista' jiġi ammess a favur tagħhom bil-fatt li huma inskrivew ruħhom u bdew il-kors akkademiku fis-sena 1949 u l-emendi in kwistjoni saru wara dik l-inskrizzjoni u meta l-kors kien għadu miexi. Din il-Qorti, b'sentenza tat-12 ta' Mejju 1950, in re "Cassar Torreggiani nomine vs. Nutar Dr. Vincenzo Gatt ne.", li biha ġiet konfermata dik mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar 1950, kellha okkażjoni tittrattjeni ruħha u tiżvolġi l-prinċipji tad-Dritt Transitorju f'każ ta' liġi ġdida li tħassar jew temenda oħra antecedenti. Dawk il-prinċipji ġew żvolti fuq l-iskorta ta' awturi eminenti bħal Dalloz, Gabba, Weber, Vitta u Clementini; u fost il-konklużjonijiet li għalihom waslet din il-Qorti in bażi għal dawk il-prinċipji, hemm dawn hawn taħt miġjuba :— (a) li l-attijiet u t-trasferimenti huma regolati mil-liġi li taħtha jkunu ġew "kompjuti"; (b) u li l-attijiet mibdija taħt il-liġi l-antika u li jestendu ruħhom taħt il-ġdida, għandhom jiġu regolati minn din ta' l-aħħar;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit li lill-appellanti ma jikkompetix id-dritt kweżit minnhom pretiż, l-appell tagħhom jidher li huwa bla fondament. Jingħad ukoll illi l-emendi in kwistjoni jinteressaw l-ordni publiku, li di fronti tiegħu għandu jċedi l-interess privat, u għalhekk għandu jiġi ammess l-effett retroattiv tagħhom, kif imfisser fis-sentenza appellata, fuq l-awtorità tal-Pacifici Mazzoni u tal-Gabba, fuq imsemmi;

Ikkunsidrat;

Illi ma tiftihemx, u hija mid-dehra fallaċi, id-distinzjoni li l-appellanti jippruvaw jagħmlu bejn ir-relazzjonijiet li jinterċedu bejn l-Istat u l-Università, u dawk bejn din ta' l-aħħar u l-istudenti. Infatti, l-Università teżerċita l-funzjoni publika tagħha bħala emanazzjoni ta' l-Istat u per mezz tal-poteri lilha konferiti mill-istess Stat bis-saħħa ta' leġislazzjoni appożita, u r-regolamenti li hija tagħmel tagħmilhom

bħala konsegwenza ta' dik l-emanazzjoni u ta' dawk il-poteri. Minn dan jidher li d-distinzjoni bejn Stat u Università, fis-sens pretiż mill-appellanti u għall-effetti minnhom mixtieqa, mhix f'waqtha, u għalhekk inammissibili. Kwantu mbagħad għall-vinkolu kontrattwali, li l-appellanti jsostnu ġie konkjuż bejnhom u bejn l-Awtoritajiet Universitarji bħala effett ta' l-iskrizzjoni tagħhom bħala studenti fil-kors akkademiku msemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, hemm lok li jiġu adottati l-motivi miġjubin fis-sentenza appellata, li mħabba fihom dik il-pretensjoni ġiet eskluża:

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk l-appell ma jistħoqqlux jiġi milqugħ; iżda ċ-ċirkustanzi tal-każ jissuġġerixxu anki f'dina l-istanza l-infraskritt temperament tal-kap ta' l-ispejjeż;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, sa fejn kompatibili;

Wara li tastjeni, imħabba r-rinunzja minnu magħmula, li tieħu konjizzjoni ta' l-appell miġjub 'il quddiem mill-attur Joseph G. Camilleri;

Tirrespinġi l-appell fil-kapi devoluti lil din il-Qorti, li konsegwentement tikkonferma f'dawk il-kapi s-sentenza appellata; u tordna li l-ispejjeż ta' dina l-istanza ma jiġux taxxati bejn il-kontendenti, iżda d-dritt tar-Reġistru għandu jitħallas mill-atturi appellanti.